REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (UE) Nru 826/2010

tal-20 ta' Settembru 2010

li jidderoga mir-Regolament (UE) Nru 1272/2009 fir-rigward ta' xiri u bejgħ ta' butir u ta' trab tal-ħalib xkumat

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1234/2007 tat-22 ta' Ottubru 2007 li jistabbilixxi organizzazzjoni komuni ta' swieq agrikoli u dwar dispożizzjonijiet speċifiċi għal ċerti prodotti agrikoli (ir-Regolament Waħdieni dwar l-OKS) [1], u b'mod partikolari l-Artikolu 43(f) u (j) flimkien mal-Artikolu 4 tiegħu,

Billi:

(1) F'konformità mal-Artikolu 4(1)(b) tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 884/2006 tal-21 ta' Ġunju 2006 li jistabbilixxi regoli dettaljati dwar l-applikazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1290/2005 dwar il-finanzjament mill-Fond Agrikolu Ewropew ta' Garanzija (FAEG) ta' miżuri ta' intervent fil-forma ta' operazzjonijiet ta' ħżin pubbliku u l-kontabbiltà ta' operazzjonijiet ta' ħżin pubbliku mill-aġenziji tal-pagamenti tal-Istati Membri [2], il-FAEG jiffinanzja l-ispejjeż għall-operazzjonijiet materjali msemmija fl-Anness V għal dak ir-Regolament abbażi tal-ammonti standard, dejjem jekk l-ispejjeż rilevanti ma kinux ġew iffissati bil-leġiżlazzjoni agrikola applikabbli għas-settur.

(2) L-ammonti standard li ġew iffissati u nnotifikati lill-Istati Membri għall-2010 ġew ikkalkulati abbażi tar-regoli applikabbli qabel l-1 ta' Marzu 2010. F'dik id-data, ir-regoli dwar ix-xiri u l-bejgħ ta' prodotti għall- u mill-intervent, inklużi l-ispejjeż li għandhom jitħallsu mill-aġenziji tal-intervent u mill-operaturi, stipulati fir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 1272/2009 tal-11 ta' Diċembru 2009 li jistabbilixxi regoli komuni ddettaljati għall-implimentazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1234/2007 f'dak li għandu x'jaqsam max-xiri u l-bejgħ ta' prodotti agrikoli taħt intervent pubbliku [3], saru applikabbli għas-settur tal-ħalib.

(3) Sabiex titqies din is-sitwazzjoni dwar il-bejgħ, ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 569/2010 daħħal deroga mir-Regolament (UE) Nru 1272/2009 dwar ir-regoli rilevanti għall-bejgħ permezz tal-offerti [4] tal-butir u trab tal-ħalib xkumat għall-offerti li jitressqu sal-21 ta' Settembru 2010 fil-11:00 (ħin ta' Brussell).

(4) Sabiex jiġi żgurat kalkolu armonizzat tal-ammonti standard, jeħtieġ li l-Istati Membri jingħataw iż-żmien li għandhom bżonn sabiex jiddeterminaw l-ispejjeż marbutin mal-ħatt/it-tagħbija u jikkomunikawhom lill-Kummissjoni. Barra minn hekk, għandha tiġi eżaminata iktar u ffinalizzata l-applikazzjoni uniformi tar-regoli li jirrigwardaw l-ispejjeż li għandhom jitħallsu mill-aġenzjiji ta' intervent u mill-operaturi dwar ix-xiri u l-bejgħ tal-butir u tat-trab tal-ħalib xkumat għall- u mill-intervent. Minħabba l-limitazzjonijiet taż-żmien u r-rekwiżiti tal-proċeduri, dawn l-elementi addizzjonali mhumiex se jkunu disponibbli fil-ħin sabiex jitqiesu fid-deċiżjoni dwar l-iffissar tal-ammonti standard għas-sena finanzjarja 2011. Għalhekk, id-deroga mir-Regolament (UE) Nru 1272/2009 għandha tiġi pprovduta sal-aħħar tas-sena finanzjarja 2011.

(5) Sabiex ikun hemm reazzjoni immedjata u sabiex id-deroga mir-Regolament (UE) Nru 1272/2009 tiġi applikata mingħajr interruzzjoni sal-aħħar tas-sena finanzjarja 2011, dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fid-data tal-pubblikazzjoni tiegħu.

(6) Il-miżuri provduti f'dan ir-Regolament huma skont l-opinjoni tal-Kumitat tal-Ġestjoni għall-Organizzazzjoni Komuni tas-Swieq Agrikoli,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

1. B'deroga mit-tielet subparagrafu tal-Artikolu 28(3) tar-Regolament (UE) Nru 1272/2009, l-ispiża mġarrba biex jinħatt il-butir u t-trab tal-ħalib xkumat fiż-żona tat-tagħbija fuq il-post tal-ħżin għandha titħallas mill-aġenzija tal-pagamenti.

2. B'deroga mill-Artikolu 42(1)(e) tar-Regolament (UE) Nru 1272/2009, għandu jiġi offrut prezz f'euro għall-prodott li jitwassal fuq palits fiż-żona tat-tagħbija fuq il-post tal-ħżin, jew jekk meħtieġ, fuq palits mgħobbija fuq mezz tat-trasport, sew jekk dan ikun trakk u sew jew ikun vagun tal-ferrovija.

[1] ĠU L 299, 16.11.2007, p. 1.
[2] ĠU L 171, 23.6.2006, p. 35.
[3] ĠU L 349, 29.12.2009, p. 1.
[4] ĠU L 163, 30.6.2010, p. 32.

3. B'deroga mill-Artikolu 52(1) tar-Regolament (UE) Nru 1272/2009, il-prodott għandu jkun disponibbli għall-operaturi fuq palits fiż-żona tat-tagħbija fuq il-post tal-ħżin, jew jekk meħtieġ, fuq palits mgħobbija fuq mezz tat-trasport, sew jekk dan ikun trakk u sew jew ikun vagun tal-ferrovija.

4. B'deroga mill-Artikolu 52(3) tar-Regolament (UE) Nru 1272/2009, l-ispejjeż imġarrba, skont il-każ, għat-trasport tal-prodotti lejn iż-żona tat-tagħbija jew sa ħdejn il-mezz tat-trasport, għandhom jitħallsu mill-aġenzija tal-pagamenti u kwalunkwe spiża marbuta mat-tagħbija u t-tneħħija minn fuq il-palits għandha titħallas mix-xerrej.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Il-paragrafi 2, 3 u 4 tal-Artikolu 1 għandhom japplikaw għal stediniet speċjali miftuħa għall-offerti għall-butir u t-trab tal-ħalib xkumat skont l-Artikolu 40 tar-Regolament (UE) Nru 1272/2009, għal offerti mressqa mill-21 ta' Settembru 2010 fil-11:00 (ħin ta' Brussell) sal-20 ta' Settembru 2011 fil-11:00 (ħin ta' Brussell).

Għandu jiskadi fit-30 ta' Settembru 2011.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, l-20 ta' Settembru 2010.

Għall-Kummissjoni
Il-President
José Manuel BARROSO